A.L. 146 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161) BDIL TA' *STOCK*

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' Lm10,000,000 mill-Lm40,000,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1994 (II) f'Lm10,000,000 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 (II)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm10,000,000 mill-Lm40,000,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1994 (II) li għandu jitħallas lura bejn l-1 ta' Jannar, 1994 u l-31 ta' Diċembru, 1994, jista' jinbidel fi *Stock* Reġistrat li joħroġ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Lm10,000,000 mill-Lm40,000,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvillupp 1994 (II) għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 (II) bis-6.5% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jifthu t-Tnejn, 31 ta' Ottubru, 1994 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar is-Sibt, 19 ta' Novembru, 1994 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General.*

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti, minbarra Istituzzjonijiet Bankarji, jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. L-għoti ta' l-i*Stock* jingħata fuq kriterji pubblikati fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm10,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

5. Mid-data ta' bdil, wieħed minn kull erbgħa tal-bilanċ li jkun jinsab fil-kreditu tal-Fond tal-Ammortizzament 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1994 (II) jiġi trasferit għall-Fond tal-Ammortizzament 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 (II). Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm125,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1995.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fid-19 ta' Mejju u fid-19 ta' Novembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm3.25 kull Lm100 *Stock* relattiv għall-perjodu mill-20 ta' Novembru, 1994 sad-19 ta' Mejju, 1995 għandu jsir fid-19 ta' Mejju, 1995.

Fidwa ta' *Stock*.

7. L-i*Stock* jinfeda b'parità fid-19 ta' Novembru, 2001.